Taħt il-patroċinju tal-
E.T. il-President ta' Malta u UNESCO

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**IL-BELT VALLETTA, Malta, 26 ta' Frar, 2026**

## MALTA TIBQA' DESTINAZZJONI FAVORITA GĦAL MATUL IL-MALTA BIENNALE

Malta qed tkun imsemmija bħala waħda mill-aqwa destinazzjonijiet kulturali għal matul il-Malta Biennale li jiftaħ għall-pubbliku fi żmien ftit ijiem oħra - fl-14 ta' Marzu - u jibqa' sejjer għal-11 il-ġimgħa sħaħ, sad-29 ta' Mejju 2026.

Il-magażin Taljan, *The Collector*, poġġa lill-Malta Biennale ma' wirjiet b'saħħithom bħall-Biennale ta' Venezja, Sydney u Bangkok, fost oħrajn, u wirjiet kbar bħal dawk ta' Abu Dhabi u Mexico City.

It-tieni edizzjoni tal-Malta Biennale qed tiġbed attenzjoni sostanzjali mill-media internazzjonali, u diġà dehru diversi artikli f'ħafna rivisti awtorevoli, kemm speċjalizzati fl-arti u l-kultura, u kemm dawk ir-rivisti ta' interess ġenerali.

Kien hemm drabi oħra li Malta ssemmiet bħala destinazzjoni favorita għal waqt il-Biennale, fosthom fuq *Artsy*, li hija pjattaforma onlajn rinomata fil-qasam artistiku.

Għall-Malta Biennale 2026, se jkunu qed jattendu mal-40 ġurnalist minn madwar id-dinja li se jkunu qed jirrapurtaw kemm il-ftuħ uffiċjali, kif ukoll il-wirjiet li ser ikunu mifruxa fi 11-il mużew u sit ta' Heritage Malta.

It-tieni edizzjoni tal-Malta Biennale għandha l-patroċinju tal-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta, u tal-UNESCO.

MaltaBiennale'26

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**IL-BELT VALLETTA, Malta, 26 ta' Frar, 2026**

*Heritage Malta għandha bħala msieħba f'din l-edizzjoni lill-Kunsill Malti għall-Arti, lil Visit Malta, lill-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta u lill-Public Broadcasting Services. Il-Malta Biennale qed jittella' wkoll bil-koperazzjoni sħiħa tal-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali kif ukoll tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu u l-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.*

Għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok ikkuntattja lil Lisa Gwen Chetcuti fuq: **communications@maltabiennale.art**
maltabiennale.art qiegħed online. Website uffiċjali: **www.maltabiennale.art**
Facebook, Instagram, LinkedIn: **@maltabiennale.art**

MaltaBiennale'26